# Ġrajja ta' Żewġ Qniepen

## Il-Kbira (Katarina) u l-Fustanija (Ġużeppa) jagħlqu mitejn sena (1788-1988)



minn A. Mangion B.D., Lic.D., M.A. (Sheffield)

**Il-Knisja taż-żurrieq għandha sitt qniepen. Dawn huma magħrufin bħala *iċ-Ċerimonji, iż-Żgħira* (tal-Quddies), *il-Libra, l-Antika, il-Fustanija* u *l-Kbira* (1). Tnejn minnhom l-(Antika u l-Fustanija) jinsabu fil-kampnar tat-tramuntana, in-naħa ta' Triq Santa Katarina, u l-erba' l-oħra fil-kampnar ta' nofs-in-nhar, fuq in-naħa tal-pjazza.**

L-ewwel darba li jissemmew il-qniepen tal-Knisja taż-Żurrieq huwa fl-1567 (2), meta f'inventarju tal-ħwejjeġ li kellha l-Knisja l-Qadima tissemma' 'qanpiena kbira fil-kampnar' (3). Iżda f'Santa Katarina tal-1636, fl-ewwel viżta pastorali tiegħu fiż-Żurrieq, l-Isqof Mons. Balaguer sab fuq il-bejt tal-korsija tal-Knisja l-qadima in-numru tal-qniepen kien żdied għal tnejn (4). X'sar minnhom dawn l-eqdem qniepen ma nafux imma għandna għax nifmhu li dawn iddewwbu jew inbiegħu jew ġew trasferiti x'imkien ieħor biż-żmien.

## L-Antika u ċ-Ċerimonji

Iżda fl-1653 il-Knisja taż-Żurrieq kienet akkwistat żewġ qniepen, waħda ikbar mill-oħra, maħdumin f'Messina fil-funderija ta' Antonino Guierrera, u li huma l-eqdem żewġ qniepen li għad għandna sa llum. Dawn huma magħrufin bħala *l-Antika u ċ-Ċerimonji*. Il-qanpiena *l-Antika*, li hi l-ikbar fost it-tnejn ta' Guierrera, kienu ħallsuha l-aħwa Saliba, il-Kappillan Dun Mattheolo (1607-1676) li tant ħabrek biex inbniet il-Knisja preżenti, u ħuħ Blasio (5). Illum tinsab fil-kampnar tat-tramuntana, tħares fuq ix-Xarolla u lejn Taħt ir-Raħal, u għandha l-għoli u d-dijametru tagħha l-istess, voldiri ta' 89cm.(6). Fuqha jindaqqu il-kwarti tal-arloġġ. Hija wkoll l-iktar qanpiena li ġġib tagħrif storiku fl-iskrizzjonijiet li hemm fuqha. Hekk, minn naħa li tħares għall ġo l-kampnar stess din il-qanpiena għandha sinjal ta' salib Grieg, u taħtu xbieha tal-Kunċizzjoni b'idejha marbuta tħares 'l fuq, u magħha sitt wardiet tar-roża, tlieta fuq xulxin kull naħa. Taħt din ix-xbieha hemm imbagħad skrizzjoni sabieħa bil-Latin li tgħid: DOEMONES EXPELLO/TEMPESTATES SERENO/VIVENTES VOCO ET/QVI PERIERE GEMO (Jiena nkeċċi x-xjaten, nikkalma t-tempesti, nsejjaħ il-ħajjin, u nibki 'l dawk li mietu), u aktar 'l isfel il-kliem OPVS ANTONINI GVIERRERA (Xogħol Antonino Guierrera). Iżda l-aktar skrizzjoni interessanti fuq din il-qanpiena tinsab fin-naħa li tħares il-barra. Hemmhekk il-qanpiena ġġib ix-xbieha ta' Santa Katarina b'idha l-leminija żżomm xabla fuq ras Massiminu, u b'idHa x-xellugija fuq sidirHa. Taħt hemm imbagħad il-kliem: F.R.M./R.D.D. MATTHIOLVS SALIBA/PAROCHVS ET CL. BLASIVS/EIVS FRATER PROPRIIS HOC/EXPENSIS PER EMPIVM MVNVS/D.O.M. DEI PARAE S.V. AC.D./CATHARINAE V. ET M. TERRA/ZVRRICI PATRONAI D.D. A.D./(M) DCLIII - (Il-Kappillan Dun Matteolo Saliba u ħuh il-kjeriku Blasio taw dan ir-rigal qaddis ad unur t'Alla, tal-Verġni Mqaddsa Ommu u ta' Santa Katarina, patruna ta' dawn l-artijiet, fis-sena tal-Mulej 1653) (7). Fuq l-istess qanpiena, 'l hawn u 'l hinn, iħarsu lejn ġnieb l-arkata tal-kampnar hemm imbagħad żewġ armi, t-tnejn tal-familja Saliba, salib grieg wieqaf fuq ktieb magħluq u b'ċurkett, bi tlett stilel fin-naħa ta' fuq, u b'żewġ pali tal-id jippuntaw 'l fuq u 'l isfel fuq kull naħa (8).

Il-qanpiena magħrufa bħala *Iċ-Ċerimonji* inħadmet ukoll fi żmien l-*Antika,* fl-1653, u hija wkoll tal-istess funderija ta' Antonino Guierrera (9). Din hija l-iżgħar qanpiena li għandha l-Knisja taż-Żurrieq, u tinsab fil-kampnar tan-naħa tal-pjazza fuq ġewwa, fl-arkata li tħares lejn il-kampnar l-ieħor. Din il-qanpiena tinstema' biss fil-festa titulari, fil-*prima messa* tas-saċerdoti, fil-pussessi tal-kappillani, u tindaqq ukoll nhar l-Għid tal-Imwiet. Tissejjaħ *iċ-Ċerimonji* għax fuqha, u bil-qanpiena *iż-Żgħira* għadhom sa llum jindaqqu l-hekk imsejjħa moti taċ-*ċerimonji* li jiftħu u jagħlqu d-daqq tal-qniepen fil-festa (10). Bħall qanpiena *l-Antika, iċ-Ċerimonji* għandha għoli u wisa' wieħed, din id-darba ta' 61 cm. Ma' d-dawra ta' fuq nett għandha l-kelmiet imqaddsa SANCTVS DEVS SANCTVS FORTIS SANCTVS IMMORTALIS MISERERE NOBIS (Alla qaddis, qawwi, u bla tmiem ħenn għalina), għelm ta' salib grieg, u d-data 1653. Iktar l-isfel, fuq il-wiċċ li jħares lejn il-kampnar l-ieħor hemm ix-xbieha ta' Santa Katarina bil-palma f'idHa x-xellugija, bi ktieb miżmum f'idHa l-oħra, b'kuruna ġo rasHa, u taħtHa l-kelmiet OPVS ANTONINI GVIERRERA (Xogħol Antonino Guierrera). Fuq il-wiċċ li jħares għall ġo l-kampnar hemm imbagħad xbieha donnha ta' San Ġużepp iżomm ħatar kbir b'dirgħajh il-lemini.

## Iż-Żgħira u l-Libra

Sa dan it-tant il-bini tal-knisja l-ġdida taż-Żurrieq (1632-1657) kien intemm, u kien jinkludi wkoll kampnar kbir fil-ġenb li kien iħares fuq il-pjazza minn fuq is-sagrestija tal-qassisin, u li fih sabu ruħhom issa il-qniepen li kellha l-knisja (11). Hekk fl-1658, l-isqof Mons. Balaguer sab li f'dan il-kampnar kien hemm żewġt iqniepen, u fuq nett kienet tidher qanpiena oħra li fuqha l-arloġġ tal-knisja kien jiġbed is-siegħat (12). Fiż-żmien li qed nitkellmu minnu nafu wkoll li minnbarra *l-Antika* u *ċ-Ċerimonji,* il-Knisja kellha wkoll qanpiena oħra li pero kienet mixquqa. Tant hu hekk illi meta l-kappillan Dun Matteolo Saliba għamel it-testment tiegħu fuq is-sodda tal-mewt nhar il-5 ta' Frar 1676, hu kien ħalla mitt skud apposta biex jew tissewwa din il-qanpiena jew inkella tinxtara xi ħaġa ta' utilità għall knisja (13). Imma flok sewwew il-qanpiena mixquqa, il-prokuraturi Dun Bastjan Formosa u Dumink Farmusa qabdu u ordnaw waħda ġdida bla ma missew l-oħra (14). Din il-qanpiena saret fl-1677 għand il-funderija ta' Pietro Sances, imma llum ma nafux x'sar minnha. Inġiebet iż-Żurrieq nhar it-3 ta' Novembru 1677 biex tkun f'postha għall festa ta' Santa Katarina, u dak in-nhar kienu ngħataw rigali lill ilsiera tal-funderija, lill pizatur, u lill pastaz li kienu ġarr l-istasija mid-dwana. Il-prokuraturi, li issa kienu Dun Piet Saliba u Dun Ġwann Cassia kien taw ukoll ħaruf lill funditur Sances, u ħarġulu żgur ħlasijiet li kienu jammontaw għall 102 skud u żewġt irbgħajja (15). Il-parti l-kbira tal-ispiża kienet ħarġet mill-assi tal-kappillan Saliba, iżda xi ħaġa żgħira kienet daħlet mill-ġbir, waqt li wieħed benefattur ċertu Giovanni Muscat kien ta żewġt ewieq (16). Il-Knisja taż-Żurrieq kellha issa b'hekk erba qniepen. Fil-fatt meta l-isqof Mons. Molina żar il-kampnar fl-1679, sab fih erba qniepen, bil-kbira tiżen seba qnatar, oħra tlett qnatar, u t-tnejn l-oħra ta' żewġ qnatar il-waħda (17). Iżda qanpiena minnhom kienet baqgħet mixquqa, u kienet għadha hekk sa s-sena 1686. F'dik is-sena kienet telgħet fiż-Żurrieq l-ewwel viżta pastorali tal-isqof Davide Cocco Palmieri, li immedjatament ordna li din il-qanpiena kellha tinbidel (18). Din l-ordni ġiet esegwita bla dewmien għaliex il-qanpiena inħadmet mill-ġdid fis-sena 1692, probabilment biex tilħaq titlesta għall viżta pastorali meta l-isqof inota b'tifħir dak li kien sar (20). Din il-qanpiena li qed nitkellmu minnha hija magħrufa llum bħala *iż-Żgħira*, u fuqha jindaqq il-quddies ta' kuljum, hekk li xi drabi tiġi msejjħa wkoll bħala l-qanpiena *tal-Quddies,* terminu li ġa nsibuh użat sa fis-sena 1763 (21). B'din il-qanpiena jinbeda u jintemm id-daqq tal-qniepen. Tinsab fil-kampnar tan-naħa tal-pjazza, fl-arkata li tħares fuq il-koppla, u għandha l-għoli u d-dijamentru tagħha qies wieħed ta' 69cm. Fuq il-wiċċ li jħares għall ġo l-kampnar għandha fuqha l-arma ta' Mons. isqof Cocco-Palmieri (1684-1711), u taħtha d-data 1692. Fuq il-faċċata li tħares fuq il-koppla, din il-qanpiena għandha medaljun mill-isbaħ li juri ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina, bil-Bambin f'dirgħajn il-Madonna inewwel iċ-ċurkett tal-għerusija.

Il-bidu tas-seklu tmintax kompla jara tibdil ieħor fil-qniepen. Hekk nhar il-15 ta' Diċembru 1712, il-prokuraturi Dun Indrin Zammit u Dun Vicenz Mizzi (22) għamlu talba lill-Inkwizitur Ranieri d'Elci (1711-1715) biex jikkonċedilhom xi għajnuna finanzjarja '... *per la campana'* (23), talba li reġgħet saret lis-Sagra Kongregazzjoni f'Ruma f'Mejju ta' tlett snin wara (24).

Milli jidher però din id-darba aktarx li dewwbu mill-ġdid waħda mill-qniepen li setgħu kellhom bil-ħsara (25), u li setgħet kienet il-qanpiena tal-funderija Sances. Imma l-istorja ħallietna għall kollox fid-dlam. Li nafu żgur huwa li fi Frar 1716, ittieħdet qanpiena għand il-funderija ta' Mederico Menville u fit-8 ta' Marzu ta' dik l-istess sena sar kuntratt ma' l-istess funderija quddiem in-nutar Marc Antonio Brancati '... *per fundar la campana* ...' (26). Din il-qanpiena inħadmet żgur fl-1716 (27), u l-funditur Menville tħallas 199 skud tagħha (28). Il-fatt hu li sa llum il-Knisja taż-Żurrieq għad għandha qanpiena ta' dawk l-istess żminijiet msejjħa *il-Libra (Libera)*, għaliex fuqha jitnaqqru t-tokki fil-funerali (29). Iżda din il-qanpiena ġġib fuqha is-sena 1707. Isem din il-qanpiena huwa qadim ħafna, u ġa fl-1797 insibuha magħrufa bħala *'quella delli morti'* (tal-mejtin), u fl-1857 bħala *'la campana di Libera'* (il-qanpiena tal-Libera) (30). Dan l-isem tkompli ssaħħu l-istess qanpiena li fuqha ġġib ix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu mdawwra bl-anġli, u bl-erwieħ tal-Purgatorju f'riġlejHa. Tinsab imdendla fil-kampnar tan-naħa tal-pjazza fl-arkata li tħares għall ġo l-misraħ. Għandha diametru ta' 89cm, b'għoli ta' 77cm, u fuq in-naħa li tħares il-ġewwa, 'l fuq mix-xbieha tal-Madonna hemm il-kliem ANNO DOMINI 1707.

## Ħolma ta' benefattur insinji

Il-qanpiena *Fustanija* għandha l-iktar ġrajja mlewwna fost il-qniepen kollha. L-oriġini ta' din il-qanpiena jmur lura sa żmien il-kappillan Dun Karm Delicata (1738-65), meta l-benefattur Dun Ġużepp Testaferrata (1673-1745), fost ħwejjeġ oħra, xtaq li jħalli lill Knisja tar-raħal qanpiena kbira tal-bronz (31). Ix-xewqa tiegħu tnizzlet ukoll fit-testment li għamel nhar il-21 ta' April 1743 quddiem in-nutar il-kjeriku Gian Franġisk Farrugia, fejn ordna li jekk jilħaq imut, il-prokuraturi tal-knisja taż-Żurrieq kellhom jaħsbu għal qanpiena ta' għoxrin qantar, u li kellha titħallas mill-wirt, bil-patt li tibqa' għal dejjem tappartieni lill istess knsija parrokkjali, u biha ukoll kellu jindaqq il-quddies tal-ħafna anniversarji imħollija mit-testatur (32). Imma f'Novembru ta' dik l-istess sena 1743, Dun Ġużepp innifsu għamel l-arranġament kollha għand il-funderija ta' Aloysio Bugiott tal-belt Valletta, bi ftehim għand in-nutar Farrugia. Dan il-ftehim kien sar iż-Żurrieq, u għalih kien hemm bħala xhieda l-isqof Mons. Alpheran, u żewġ kanonċi tal-Kattidral Antonio Castelletti u Adriano Depiro Gurgion. Il-qanpiena kellha issa tkun tiżen minn tnejn u għoxrin sa tlieta u għoxrin qantar, kellha titlesta fi żmien sena, u tkun ta' l-aqwa materjal u xogħol, bil-kundizzjoni illi kull ħsara li titfaċċa żmien sena da parti tal-produzzjoni kellha tagħmel tajjeb għaliha l-funderija. Il-prezz mifthiehem kien ta' disgħin skud il-qantar, u dak il-ħin stess Dun Ġużepp ħalla depożitu ta' elf skud. Il-bilanċ kellu jitħallas f'żewġ pagamenti, nofs mal-kunsinna tal-qanpiena, u l-bqija sena wara (33). Il-qanpiena ma tlestietx però ħlief wara l-mewt tat-testatur li ġrat fil-5 ta' Jannar 1745, u sa Settembru ta' dik is-sena il-prokuraturi Dun Ġużepp Zammit u Dun Ġorġ Velasco kienu għadhom jirsistu li titlesta, saħansitra permezz ta' twissija mill-kurja tal-isqof (34). Il-qanpiena tal-bronż ġiet magħmula mill-funderija Bugiott, bl-assistenza ta' ħaddiema u ta' lsiera nhar is-16 ta' Ġunju 1746, li dik is-sena ħabat il-ħamis fl-Ottava ta' Corpus, u lejlet il-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Meta kesħet, u ntiżnet mill-piżatur tad-dwana, instab illi ġiet tiżen erba u għoxrin qantar u seba u tletin ratal (35). Kienet b'hekk l-ikbar qanpiena li qatt rat il-knisja taż-Żurrieq, u fil-fatt kienet ikbar mill-qanpiena l-kbira ta' tnejn u għoxrin qantar li għandna llum. Inġiebet fiż-Żurrieq fis-7 t'Awissu 1746 u imtella' fil-kampnar waħdieni ta' fuq is-sagrestija, taħt id-direzzjoni ta' Agostino Torneu. L-armar għall din l-operazzjoni kien inbeda minn ġimgħa qabel u kien inġarr minn ċertu Franġisk Gatt, mit-tarzna u mill-imħażen tax-xwieni tal-Kavallieri (36). Is-7 t'Awissu 1746 kien il-Ħadd, l-għaxar wieħed fuq Pentecoste, u ġurnata ta' festa għall okkażjoni tat-tlugħ tal-qanpiena. Il-prokuraturi kienu saħansitra taw pranzu lill ħaddiema, u ordnaw daqqaq tal-vjolin li tela' mill-belt biex iferraħ il-folla fiż-Żurrieq (37). Il-funderija ta' Bugiott ħasbet ukoll biex tħalli raġel tul ta' tlett ijiem biex idoqq il-qanpiena l-ġdida (38). L-ispiża totali telgħet għal 2,356 skud. Elf minnhom kien ġa ħariġhom Dun Ġużepp Testaferrta f'ħajtu; il-bqija kellha toħroġhom il-Veneranda Lampada, jew il-prokura tal-knisja, mill-assi tat-testatur 639). Il-funderija tħallset 2,193 skud fuq sitt pagamenti, u l-aħħar ħlas sar mill-prokuraturi Zammit u Velasco fit-12 t'Ottubru 1748 (40). Ta' min iżid ukoll li din il-qanpiena li qed nitkellmu minnha hija mfakkra fil-kwadru ritratt u fl-iskrizzjoni li sa llum għadhom imdendlin fis-sagrestija tal-knisja biex ifakkru lill benefattur Testaferrata (41).

## Minn Venezja għaż-Żurrieq

Il-qanpiena l-kbira li kien ħalla Testaferrata qatt ma ġiet ikkonsagrata (42) u l-anqas ma tgawdiet wisq għaliex fi ftit snin ixxaqqet. Qanpiena tista' tixxaqqaq minħabba diversi raġunijiet. Qanpiena jista' jkollha l-punt debboli tagħha ġa sa mill-istess proċess tat-tidwib fil-funderija. Imma jista' jiġrilha ħsara jekk tingħata daqqa bil-qawwi, anke bl-istess ilsien tagħha; jew inkella l-istess ilsien jiddendel, l-aktar meta jkun imqabbad b'ċinturin tal-ġild, u allura jibda jħabbat ħażin max-xoffa tal-qanpiena. Fil-fatt ilsien ta' qanpiena jinħadem dejjem minn ħadid artab. Hemm ukoll periklu ieħor meta *l-pjaga*, jew il-post fejn dejjem iħabbat l-ilsien, tant titħaffer li tibda toħloq żbilanċ fix-xoffa, li hija wieħed mill-punti delikati ta' qanpiena, u li fuqha hemm l'hekk imsejjħa *sound bow*. Iktar w'iktar tista' tiġri ħsara jekk l-ilsien jitħalla jaħbat b'mod qawwi mal-qanpiena u jinżamm magħha bla ma jintreħa.

Is-sena meta xxaqqet il-qanpiena l-kbira tal-knisja taż-Żurrieq ma nafuhiex però meta l-isqof Mons. Bartolmeo Rull kien qiegħed jagħmel il-viżta pastorali tiegħu fiż-Żurrieq f'Ottubru tal-1759, u bagħat lill kanonku Dun Gian Mari' Azzopardi Castelletti, Vigarju Generali, biex jeżamina l-kampnar tal-knisja, dan sab illi l-qanpiena l-kbira kienet mixquqa (43). Ma kienx xieraq li qanpiena kbira bħal dik titħalla hekk, iktar w'iktar meta kienet tappartieni lill aqwa fundazzjoni li kellha l-prokura tal-knisja. Il-prokuraturi, li issa nzertaw Dun Salv Velasco u Dun Pietru Zammit ħasbu għalhekk biex jibdluha, imma ma xtaqux li jdewwbu u jerġgħu jużaw il-bronż tal-qanpiena l-mixquqa. Iddeċidew għalhekk li jordnaw waħda ġdida, di' d-darba minn funderija fil-belt ta' Venezja (44). Kitbu għalhekk lit-Teżor tal-Ordni ta' S. Ġwann fejn stqarrew li huma u la kienu jafu kif jibgħatu l-flus b'ċerta sigurtà, u anqas kif jaqbdu jbiegħu u jeħilsu mill-qanpiena l-qadima. Talbu lit-Teżor biex dan jibgħat pagament tal-flus meħtieġa f'Venezja, u l-knisja taż-Żurrieq tkun imbagħad tista' tħallas lit-Teżor billi toffri l-bronż tal-qanpiena l-qadima bis-70 skud il-qantar, u toħroġ id-differenza li jibqa'. It-Teżor ried biss li ssir assigurazzjoni, li saret għand l-aġenzija ta' Antonio u Carlo Mattei tal-Isla, fuq somma ta' 2,500 skud, bir-rata ta' żewġ skudi fil-mija (46). L-approvazzjoni mit-Teżor tal-Ordni ħarġet nhar it-23 ta' Lulju 1768 (47). Il-funderija li ntgħażlet f'Venezja kienet dik ta' Gio. Maria Buberi, li magħhom sar akkordju f'Settembru 1768 (48). Il-qanpiena l-ġdida tlestiet f'Ġunju tal-1770, u ġiet tiżen 3,430 libbra Venezjana li kienu jġibu 2,058 ratal ta' Malta (20 qantar u 58 ratal). Il-funderija talbet tagħha 9,947 lira ta' Venezja, li kienu jlaħħqu għal 2,120 skud, 7 rbiegħi, u 15 il-ħabba flus tagħna (49). Ma' dik is-somma żdiedu spejjes oħra, bħalma kienu l-ilsien tal-ħadid, spejjes ta' burdnara, piżatur, dazju, tarjoli, assigurazzjoni, u pedaġġ. L-ispiża kollha ġo Venezja telgħet għal 2247 skud, 3 irbiegħi, u ħabba, flus ta' Malta, li ħarġu kif miftiehem, mit-Teżor tal-Ordni ta' San Ġwann (50). Il-qanpiena telqet minn Venezja fuq galjott, jew skuna b'żewġt iqlugħ taħt l-Kaptan Giamcomo Chielich Venezjan, u daħlet Malta nhar il-5 t'Awissu 1770 (51). Ta' dan il-vjaġġ il-kaptan kien tħallas tletin skud (52). F'Malta il-qanpiena tniżżlet minn fuq il-galjott mill-baħrin u l-burdnara, li ġarrewha sa x-xatt permezz ta' barkun. Minn hemm tgħabbiet fuq karru miġbud mill-bgħula, u qabdet it-trieq it-twila lejn iż-Żurrieq fejn il-burdnara ingħataw kolazzjon. Kien il-ġimgħa is-17 t'Awissu 1770 (53). Kien għadu s-sajf iżda ġie deċiż li l-qanpiena l-ġdida tkun konsagrata u titla' f'postha għall Santa Katarina li kien għad fadlilha ma' t-tlett xhur. Fid-19 ta' Novembru 1770 ħasbu għalhekk biex iniżżlu l-qanpiena l-mixquqa ta' Testaferrata mill-kampnar, u għall din il-biċċa xogħol ta' nżul u tlugħ tal-qniepen kien indaħal l-istromu Alessandro biċ-ċorma tal-baħrin miegħu. Dawn kienu alloġġjati ż-Żurrieq għall ġimgħa sħieħa spejjeż tal-prokuraturi, u magħhom kienu tellgħu r-raħal sitt karrettuni armar (54). Santa Katarina ta' dik is-sena 1770 ħabtet il-Ħadd, u l-konsagrazzjoni tal-qanpiena l-ġdida tħalliet għall ħamis ta' qabel, it-22 ta' Novembru. Gie deċiż ukoll li ċ-ċerimonja pontifikali ssir ġewwa l-korsija tal-knisja parrokkjali, probabilment biex jiġi evitat għall kollox il-biża tal-maltemp (55). Matul iċ-ċerimonja li tmexxiet mill-isqof Mons. Carmine Pellerano (1770-80), assistit mill-kanonċi Albino Portughes u Carlo Calleia (56), ġeww konsagrati żewġ qniepen, voldiri l-ġdida Venezjana, u waħda oħra iżgħar li fuqha dak iż-żmien kienu jindaqqu s-siegħat tal-arloġġ, u li kienet tiżen biss 500 ratal (57). Din setgħet kienet il-qanpiena *l-Antika*, tal-aħwa Saliba. Il-qanpiena l-ġdida Venezjana tgħammdet bl-isem ta' Katarina, Anna u Giuseppa, u l-oħra ingħatat l-ismijiet Teresa u Giovanna. Il-konsagrazzjoni kienet saret fil-għodu, hekk li sa nofs-

in-nhar il-qniepen kienu nħarrġu barra u telgħu f'posthom, bil-*Kbira* f'nofs il-kampnar (58). Il-Kappillan Dun Ġużepp Agius (1766-92) stieden imbagħad lill isqof u l-familjari tiegħu, fosthom iċ-Ċerimonjier u lill Kanċillier Ignatio Saverio Bonavita, għall pranzu. L-ikla tħejjiet minn Lorenzo Riccia (Ricca), kok fl-*Albergitta del Falcone,* u flimkien mal-bukkett tal-ganutell rregalat lill isqof, kienet swiet lill knisja 49 skud, 3 irbiegħi, u 15 il-ħabba. Għall din l-okkażjoni kienu gawdew anke l-bgħula tal-kalessi li kienu ġabu lill-isqof, għax il-prokuraturi tal-knisja ħasbu biex jixtrulhom b'sitt irbiegħi xgħir (59). Konna għidna illi l-ispiża tal-qanpiena l-ġdida f'Venezja kienet telgħet għal 2247 skud, 3 irbiegħi, u ħabba, li kellhom jitħallsu lit-Teżor tal-Ordni (60). Minn din l-ispiża il-prokuraturi naqqsu il-prezz tal-bronż tal-qanpiena l-qadima li nġarret lejn il-Belt nhar it-22 ta' Jannar 1771 (61), u li rrendiet 1695 skud (62). Il-bilanċ ta' 552 skud u 3 irbiegħi li l-prokuraturi kien baqgħalhom jagħtu lit-Teżor, tħallsu fil-parti l-kbira nhar is-16 t'April 1771, u xi ħaġa oħra nhar id-19 t'Ottubru 1774 (63). Ta' min jgħid però illi l-ispejjeż ta' ġarr, armar, konsagrazzjoni u ikla kienu tellgħu l-ispiża oriġinali ta' 2247 skud tlett irbgħaja u ħabba għal 2,393 skud, disa rbgħajja u disa ħabbiet (64).

## Ċerimonjal tal-Konsagrazzjoni

Il-Konsagrazzjoni tal-qniepen fi żmien l-isqof Pellerano fl-1770, kienet l-unika darba li qatt saret ċerimonja bħalha fil-knisja taż-Żurrieq. Il-konsagrazzjoni ta' qanpiena hija ċerimonja speċjali riservata lill isqof, u għall daqs tant tifforma parti mill-Pontifikal Ruman (65). Hija ukoll ċerimonja mitluba mill-istess liġijiet tal-Knisja (66), li jinsistu li darba konsagrata, qanpiena għandha tintuża biss għas-servizz divin (67). Il-Pontifikal Ruman jitkellem minn *De Benedictione Signi vel Campanae.* Għall din iċ-ċerimonja, fiż-żminijiet li qed nitkellmu minnhom, l-isqof, liebes parimenti bojod, kien jersaq lejn il-qanpiena, li kienet tiġi mxarrba minn barra u minn ġewwa mill-ministri assistenti, li kienu wkoll jixxuttawha. Sa dan it-tant kienu jitkantaw sitt salmi ta' radd il-ħajr u ferħ, imbagħad l-isqof kien jaqbad iż-żejt qaddis tal-morda u jagħmel bih sinjal tas-salib fuq wiċċ il-qanpiena. Kienet issa tingħad talba sabiħa li essenzjalment kienet invokazzjoni ta' barka lill Ispirtu s-Santu, iżda li fiha kienu jingħadu l-iskopijiet li għalihom tkun tbierket il-qanpiena. Skond din it-talba, qanpiena ssejjaħ lill-poplu u tqanqlu fil-fidi, u permezz tas-salib immarkat fuqha tbiegħed u tnaffar l-għelt tat-tempesti, tas-silġ, u tat-trombi tar-riħ, u tikkalma t-tfaqqiegħ tas-sajjetti u l-qawwa tal-irwiefen. Wara din it-talba, l-isqof kien jimsaħ iż-żejt tal-morda, u jitkanta s-salm 29 li matulu kienu jiġu midluka seba slaleb ma' d-dawra tal-qanpiena fuq barra biż-żejt tal-morda, u erba slaleb minn taħt, fil-ġewwieni tal-qanpiena biż-żejt qaddis tal-griżma. Ma' kull għelm tas-salib l-isqof kien ilissen kliem ta' tberik u ta' konsagrazzjoni u jinvoka l-isem tal-qaddis li l-qanpiena tkun issemmiet bih. Kienet issa tingħad talba oħra għall ħarsien tal-grazzja u tal-fidi ta' dawk li jiġu msejjħin permezz tal-qanpiena, u wara l-isqof kien jinċensa l-qanpiena ma' l-kant tas-salm 77. Iċ-ċerimonja kienet tasal fi tmiemha b'talba oħra, u bil-qari tas-silta ta' Marta u Marija mill-Evanġelju ta' San Luqa (68).

## Il-Ħsieb għall żewġ qniepen

Bilkemm laħqu għaddew sbatax il-sena li l-qanpiena l-ġdida Venezjana ma reġgħetx bl-inkwiet, għaliex fl-1787, fis-sena wieħed u għoxrin tal-parrokat tal-kappillan Dun Ġużepp Agius, din il-qanpiena nqasmet (69). Milli jidher però l-inkwiet kien diġa beda minn qabel, għaliex f'Ottubru tal-1785, żmien il-prokuratur Dun Franġisk Gristi kienu saru konsulti u tiswijiet fuq waħda mill-qniepen li nissuspetta li kienet il-Kbira Venezjana ta' dak iż-żmien. Il-prokuratur kien talab lill kapumastru tal-Ferrerija tal-Ordni, Gioacchino Triganza biex jagħti parir jekk il-qanpiena kienitx kapaċi jew le, u ttieħed ukoll il-parir ta' żewġ imgħallmin. Fl-istess waqt kien sar ukoll xogħol ta' trapnar fuq din l-istess qanpiena, hekk li kellhom iniżżluha u jtellgħuha lura fil-kampnar (70); imma aktar minn hekk ma nafux.

Fis-sena li fih inqasmet il-qanpiena l-kbira, fl-1787, kien prokuratur tal-knisja Dun Ġużepp Cachia (71), li mill-ewwel indaħal għax-xogħol. Reġgħu għalhekk bagħtu għall aħwa Triganza, funditur tal-Ordni ta' San Ġwann, u fid-9 ta' Diċembru 1787 ftehmu magħhom b'kuntratt

notarili għax-xiri ta' qanpiena ġdida (72). Imma sa dan it-tant fiż-Żurrieq kien hemm moviment sħiħ biex, flimkien mal-qanpiena li kienet ser tiġi ordnata, tinxtara wkoll oħra ikbar, li ma kellhiex toħroġ mill-prokura tal-knisja iżda tinġabar minn flus il-poplu tar-raħal (73). Għall din il-biċċa xogħol indaħlu bħala prokuraturi Dun Lawrenz Farrugia u t-tabib Geatano Saidon (74). Il-ġbir għall din il-qanpiena kien ġa nbeda, għaliex sa l-ġurnata tal-kuntratt kienu ġa daħlu seba mija u ħamsin skud (75).

## Il-Familja Saidon

Il-Signor Dottor Fisico Gaetano Saidon (16.vii.1748 - 14.iii.1835), tabib (76), kien ġej minn familja magħrufa ta' nies tal-iskola. Ta' Saidon dehru fiż-Żurrieq fl-1726 (77), meta l-kjeriku Gio Batta Saidon minn San Pawl tal-Belt, iżżewweġ lill Theodora Chircop miż-Żurrieq (78), iżda milli jidher baqa' marbut seww ma' l-Belt, hekk li d-disa wlied tal-familja, tlett ibniet u sitt subien tgħammdu lkoll fl-istess Kolleġġjata Pawlina (79), li tagħha ħuh Ġorġ kien Kanonku Prepostu (80). Milli jidher però il-familja baqgħet toqgħod il-Belt (81), iżda mbagħad, forsi wara l-mewt tal-missier, insibuhom fiż-Żurrieq, pajjiż ommhom (82). Wieħed minn ulied Gio Batta sar qassis fl-1772, u bħala Dun Franġisk Saidon kien l-ewwel wieħed minn bosta saċerdoti li l-knisja taż-Żurrieq kellu jkollha b'dak il-kunjom (83). Tnejn oħra minn ulied Gio Batta, voldiri Pietro Paolo u Gregorio, avolja miżżewġin, kienu rċevew it-tonsura, u nsibuhom iservu bħala kjeriċi fl-istess knisja taż-Żurrieq (84), iżda t-tmin wieħed, Gaetano, studja l-mediċina u sar tabib (85). Il-kjeriku Pietro Paolo u t-tabib Gaetano iżżewġu wkoll xebbiet miż-Żurrieq, Pietru Pawl ma' ċerta Theodora Zammit fl-1770 (86), u t-tabib Gaetano tmin snin wara, ma' Anna Maria Dalli oħt il-qasir magħruf Dun Fortunat (87). Miż-żwieġ tal-kjeriku Pietro Paolo u Theodora kien kemm ħames ulied (88), li t-tielet fosthom, Gio. Batta (1773 - 1841) laħaq ukoll tabib, kieteb trattati medici, u baqa' magħruf seww fl-istorja tal-mediċina f'Malta (89). Iż-żwieġ tat-tabib Gaetano ma' Anna Maria Dalli tbierek ukoll b'disa wlied (90), li l-kbir fosthom kellu jilħaq ukoll kanonku prepositu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt (91). Il-familja tat-tabib Gaetano kienet tgawdi stima u mportanza kbira fiż-Żurrieq. Meta nbniet mill-ġdid il-kappella tant sabieħa ta' San Bert fix-Xarolla (1774-1784), it-tabib nsibuh bħala wieħed mill-prokuraturi ewlenin (92). U meta fl-1798, tkeċċew il-Kavalieri minn Malta u l-Franċiżi qasmu dawn il-gżejjer f'distretti jew muniċipji, it-tabib Gejtan kien wieħed mis-sitt membri tal-*Municipalitè du Zurrich, Safi, Chercop et Gudia* (93). It-tabib miet fl-14 ta' Marzu 1835, fl-eta ta' seba u tmenin sena, u xtaq li jindifen fil-knisja tal-patrijiet ta' Ġieżu fil-Belt (94).

## Kuntratti ma' l-funderija Triganza

Għidna illi fis-sena 1787, ġie deċiż illi jinxtraw żewġ qniepen, il-waħda spejjeż tal-knisja, u l-oħra minn ġbir il-poplu. Fil-fatt nhar id-9 ta' Diċembru ta' dik is-sena, il-funderija Gioacchino u Francesco aħwa Triganza telgħu iż-Żurrieq fejn fil-knisja parrokkjali sar il-kuntratt tal-qniepen quddiem in-nutar Mikiel Ang Farrugia (95). Il-familja Triganza, il-missier Giuseppe (1660-1737), u wliedu Gioacchino (1726-1796) u Francesco, kienu funditur tal-artillerija tal-Ordni ta' San Ġwann, u fost xogħol ieħor ħadmu qniepen għall knejjes tal-Gargur, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal-Kirkop, u Ħal-Lija (96). Fil-kuntratt tal-qniepen taż-Żurrieq, Dun Ġużepp Cachia bħala l-prokuratur tal-knisja deher għal qanpiena *Fustanija*, fil-waqt li t-tabib Saidon u Dun Lawrenz Farrugia dehru għall qanpiena *l-Kbira* bħala deputati tal-poplu. Ix-xhieda tal-kuntratt kienu ż-żewġ qassisin Żrieraq Dun Ġwann Ħellul u Dun Pawl Bellia (97). L-aħwa Triganza ntrabtu illi fi żmien seba xhur kellhom ilestu ż-żewġ qniepen, magħmulin mill-aqwa bronż u skond kif l-aħjar titlob is-sengħa. *IL-Kbira* kellha tiżen madwar tnejn u għoxrin qantar, u l-*Fustanija* sittax. Il-prezz li ftehmu fuqu kien ta' 110 skud il-qantar, u l-prokuraturi tal-qanpiena *l-Kbira* newwlu 750 skud bil-quddiem, flus li kienu ġa daħlu mill-ġbir tal-poplu (98). Da parti tal-qanpiena *Fustanija*, il-prokuratur tal-knisja ried li din tinħadem mill-bronż tal-qadima, li kellu jinbiegħ bil-75 skud il-qantar lill istess funderija Triganza, u rrenda b'kollox 1,513 skud u 6 irbgħajja (99).

Iż-żewġ qniepen inħadmu fl-1788 (100) fit-tnejn u għoxrin sena tal-parrokat tal-kappillan

Agius, u huma ż-żewġ qniepen il-kbar li għadhom isebbħu l-faċċata tal-knisja sa llum. Il-qanpiena *Fustanija* hija għolja 110cm., għandha dijametru ta' 129cm., u tiżen 16 il-qantar u 45 ratal (101). Kienet intiżnet, meta nħadmet flimkien ma' seħbitha, mill-piżatur tad-dwana Gio. Batta Decelis, li tħallas tmin irbagħajja ta' xogħolu (102). Tinsab imdendla fil-kampnar tat-tramuntanta fuq in-naħa ta' triq Santa Katarina, u fuqha llum jindaqqu s-siegħat tal-arloġġ. Fuq il-wiċċ li jħares għall ġo l-istess kampnar, din il-qanpiena għandha rilliev tal-Kunċizzjoni b'idejHa marbutin u wieqfa fuq globu tad-dinja, u taħtha l-kelmiet FRATRES TRIGANCE FECERVNT 1788 (L-aħwa Triganza għamlu dan fl-1788). Fuq in-naħa li tħares 'l barra għall fuq iz-zuntier għandha xbieha ta' Santa Katarina. Il-qanpiena *l-Kbira*, fil-faċċata tal-kampnar tan-naħa tal-pjazza tiżen 22 qantar u 42 ratal (103), u għandha dijametru ta' 143cm., b'għoli ta' 119cm. Fuq il-faċċata li tħares 'l barra għandha l-kliem AES POPVLI HOC EDIDIT AES (Flus il-poplu għamlu dan l-inħas), u taħthom xbieha tal-Kurċifiss, u iktar l-isfel il-kelmiet FRATRES TRIGANCE FECERVNT ANNO DNI. 1788 (L-aħwa Triganza għamlu dan fl-1788). Fuq il-wiċċ li jħares 'l ġewwa il-qanpiena *l-Kbira* għandha x-xbieha ta' Santa Katarina b'idha l-leminija fuq xabla u b'idha l-oħra 'l fuq qed terfa' fergħa tal-palm, u bis-simbolu tar-rota mfarrka taħt riġlejHa.

Iż-żewġ qniepen swew kemxa mhux ħażin. *Il-Kbira* qamet 2,466 skud, 2 rbgħajja, u 8 ħbub (104). Il-prokuraturi għaddew madwar 1,406 skud u 5 rbgħajja f'diversi okkażjonijiet bejn Diċembru 1787 u Awwissu tas-sena ta' wara, u l-bilanċ ta' 1,059 skud, 10 irbgħajja u 8 ħbub tħallas b'muniti tal-fidda u b'kitba notarili tas-17 t'Awwissu 1788 (105). *Il-Fustanija* swiet 1,809 skud, u 6 irbgħajja, li minnhom il-funderija Triganza ħafret 1,513 skud u 6 irbgħajja tal-bronż tal-qanpiena Venezjana l-qadima (106). Il-bilanċ tħallas mill-prokuratur Dun Gwann Vella bl-istess kitba notarili tas-17 t'Awissu 1788 quddiem in-nutar Filippu Giammalva (107). Ftit li xejn waslilna tagħrif dwar il-konsagrazzjoni u ċ-ċerimonja tat-tlugħ ta' dawn il-qniepen fil-kampnar il-qadim tal-knisja, u li issa ġie mgħobbi b'sitt qniepen, bil-*Kbira* fin-nofs. Il-konsagrazzjoni ta' dawn iż-żewġ qniepen saret il-Ħadd 24 t'Awwissu 1788 minn Mons. isqof Vincenzo Labini ġewwa l-knisja ta' San Publiju fil-Furjana. Il-qanpiena *l-Kbira* ġiet mogħtija l-isem ta' Katarina b'qima lejn il-Patruna tar-raħal, fil-waqt li l-*Fustanija* għammduha bl-isem ta' Giuseppa, b'tifkira tal-benefattur insinji Dun Ġużepp Testaferrata li kien ħolomha tlieta u tletin sena qabel (108).

Il-funderija Triganza kellha konnessjonijiet oħra mal-qniepen tal-knisja taż-Żurrieq għaliex nhar it-23 ta' Lulju 1797, tniżżlu l-qniepen msejjħin *iż-Zgħira* u *l-Libera* mill-kampnar tal-knisja u fuqhom sar xogħol ta' '... due bronzine...'. Għall darb'oħra ssejjħet iċ-ċorma tal-baħrin ma' l-funditur Gioacchino biex kalaw u reggħu tellgħu il-qniepen, u l-prokuratur Dun Baskal Bonnici kien ħallsilhom kolazzjon (109).

## Daqq tal-qniepen u drawwiet li qed jintilfu

Iż-żewġ qniepen il-kbar għandhom intonazzjoni tajba u jikkumplimentaw lill xulxin; fil-fatt il-qanpiena l-*Kbira* għandha n-nota C (Do), u l-*Fustanija* n-nota D (Re) (110). Il-*Kbira* tinstema' diversi drabi matul il-jum, u dari kienet issejjaħ il-qassisin għall każ morali, jew tnaqqar sebgħa sebgħa kull meta jkun ser joħroġ il-vjatku. L-aktar moti sollenni dejjem jinbdew biż-żewġ qniepen il-kbar. Hekk ngħidu aħna l-mota tal-Ħamis, siegħa fuq inżul ix-xemx, u li tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija, tinbeda dejjem bil-*Fustanija* u *l-Kbira*. Din il-mota tista' tgħid li ilha tindaqq sa minn meta saru l-istess qniepen, għaliex kien ordnaha l-isqof Mons. Labini fit-tieni viżta pastorali tiegħu tas-16 t'Ottubru 1783. Kien għamar ukoll li kull nhar ta' ġimgħa fit-tlieta, il-qniepen kellhom inaqqru bil-kbir b'tifkira tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu (111). Minn barra l-mota tal-ħamis, iż-żewġ qniepen il-kbar jindaqqu wkoll flimkien fil-moti ta' lejlet u nhar il-festa ta' Santa Katarina. Tul dawk il-jumejn, f'nofs-in-nhar u qabel kull funzjoni, jindaqqu dejjem erba moti ta' kwarta 'l waħda minnflok it-tlett moti tas-soltu. It-tieni mota minnhom dejjem tinbeda bil-*Fustanija*, u t-tielet mota tiftaħ bil-*Kbira*. L-ewwel u l-aħħar mota jinbdew u jintemmu b'dawk li jissejħu *ċerimonji.Iċ-ċerimonji*, li jinstemgħu biss fil-festa, għadhom jindaqqu f'xi tlett postijiet biss f'Malta, u huwa għalhekk importanti li wieħed jagħti ftit tagħrif dwarhom qabel jgħibu għall kollox. Fiż-Żurrieq *iċ-ċerimonji* jindaqqu biż-żewġ qniepen iż-

żgħar voldiri bic-*Ċerimonji* u biż-*Żgħira*. Id-daqq taċ-*ċerimonji* għandu ħames taqsimiet, u ż-żewġ qniepen jindaqqu minn persuna waħda. *Iċ-ċerimonji* jinbdew b'tokk qanpiena wara l-oħra, għall ewwel jalternaw bil-mod il-mod, imbagħad jidbew iżidu dejjem fil-għaġġla, hekk li fl-aħħar iż-żewġ qniepen isiru ħoss wieħed mgħaġġel u qawwi... u jieqfu f'daqqa. Min idoqq jerġa' jibda bil-mod il-mod bħall qabel, u meta jilħaq l-aktar waqt imgħaġġel u qawwi, jibda jnaqqas bil-mod għall xejn xejn, sakemm iż-żewġ qniepen jibqgħu kemm kemm jinstemgħu, tokk wieħed wara l-ieħor bil-mod. Wara dan iż-żewġ qniepen jerġgħu jibdew jalternaw bil-mod, jilħqu l-aktar waqt imgħaġġel u għall darb'oħra jisktu f'daqqa. Jerrġgħu issa jibdew jindaqqu mgħaġġlin u bil-qawwi u jnaqqsu bil-mod il-mod, u fl-aħħar minn dan il-punt l-aktar fjakk jerġgħu jibdew iżidu, jilħqu l-aktar waqt imgħaġġel u qawwi, u jieqfu. Min idoqq isabbat żewġ tokki f'salt fuq iż-żewġ qniepen flimkien bħala għelm li *ċ-ċerimonji* spiċċaw (112). Meta jaqtgħu *ċ-ċerimonji* tinbena l-mota normali bil-qanpiena *ż-Żgħira* li magħha tibda talterna wkoll *ċ-Ċerimonji,* u ż-żewġ qniepen jibqgħu iżidu fil-għaġġla sa ma jilħqu l-aktar punt mgħaġġel, u jaqtgħu malli tidħol il-qanpiena *l-Kbira* fil-mota.

M'hemmx għalfejn ngħidu illi bil-qniepen il-kbar jitħabbru wkoll il-mumenti tan-niket. *Il-Kbira,* għaliex ħarġet minn flus il-poplu, tindaqq f'kull tħabbira ta' mewt; imma l-mortworji u l-anniversarji tas-saċerdoti jitnaqqru biż-żewġ qniepen il-kbar. Din l-użanza hija qadima ħafna, u nsibuha ġa stabbilita fl-1840 in konnessjoni ma' l-anniversarju tal-kappillani (113).

## Il-qniepen: strumenti mużikali

Il-qniepen huma strumenti mużikali li jitolbu attenzjoni kbira fil-produzzjoni tagħhom. Qanpiena tajba irid ikollha għamla u kwalitajiet li l-funderiji ewlenin kisbuhom biss wara esperjenzi ta' snin kbar. Żewġ fatturi bażiċi ta' kull qanpiena huma t-tonalità u l-intonazzjoni tagħha. L-intonazzjoni ta' qanpiena hija biċċa xogħol ta' delikatezza kbira, minħabba li qanpiena hija l-aktar strument vibranti li jipproduċi numru ta' noti f'salt wieħed. In-nota ewlenija ta' qanpiena hija magħrufa bħala li *strike note,* u tiddependi mit-toqol, mid-dijametru, u mill-ħxuna, l-aktar ftit 'l fuq mix-xoffa, fejn hemm 'l hekk imsejjħa *sound bow.* Imma ma' n-nota ewlenija, jinstemgħu ukoll *overtones* oħra, u wara li dawn jgħibu tibqa' tinstema dik li tissejjaħ *il-hum note* u li suppost tkun ottava l-isfel minn nota maġġura. L-intonazzjoni ta' dawn in-noti hija l-aktar għadma iebsa, iżda l-iprem funderiji illum jintonawlek li *strike note, il hum note,* u l-ewwel tlett *overtones* ta' qanpiena bl-ikbar eżattezza. Fiż-Żurrieq, uħud mill-qniepen tal-Knisja mhumiex intunati tajjeb, u bħala sett huma prodotti ta' diversi żminijiet u minn funderiji differenti. Imma anke qniepen qodma jistgħu jintonaw ruħhom bi proċess ta' illimar li jsirilhom f'diversi postijiet fuq ġewwa. In-noti mużikali tal-qniepen tal-Knisja taż-Żurrieq huma dawn: il-*Kbira* nota C (Do), il-*Fustanija* nota D (Re), l-*Antika* nota A (La), il-*Libra* nota G Sharp (Sol Diesis), iż-*Żgħira* nota B Flat (Si Bimolle), iċ-*Ċerimonji* nota C (Do), imma b'żewġ ottavi ogħla minn nota Do tal-*Kbira* (114). B'hekk il-qniepen taż-Żurrieq, l-anqas bħala sett wieħed, ma huma ntunati biex bejniethom jirrappreżentaw il-ħames noti maġġuri li jiffurmaw skala mużikali.

## Trasferiment fil-kampnari l-ġodda

Sa l-1866, is-sitt qniepen tal-Knisja kienu fil-kampnar il-kbir ta' fuq is-sagrestija tal-qassisin, li baqa' jservi l-knisja anke wara li nbniet il-faċċata l-ġdida bejn l-1753 u l-1758 (115). Iż-żewġ kampnari li jidhru llum telgħu fl-1860-67 (116), u l-qniepen sabu posthom fihom fl-1866 (117). It-trasport tal-qniepen fil-kampnari l-ġodda sar nhar il-Ħadd 22 ta' Lulju 1866 f'ambjent ta' festa (118). Is-sur Salvatore Mallia, wieħed mill-antenati ta' Dun Nard, kien inkarigat mill-armar, bi ħbula, tarjoli, u pastieġa (119). Silvestru Camilleri ħaseb għal ħadid, għall fusien li jżommu l-qniepen, u l-boldijiet li jorbuthom (120). Indrì Farrugia ta' Zrott l-anqas ma naqas li jispara l-maskli, kif kien soltu jagħmel (121), u l-prokuratur tal-Knisja Dun Stiefnu Zammit ta' Kangantu, li meta sar kappillan baqa' jżomm il-prokura, ħejja pranzu għall dawk li ndaħlu għall dan ix-xogħol (122). Il-Knisja ħarġitilhom ukoll rigal kull wieħed (123). Inċident interessanti konness mal-qniepen ġara fl-1916, żmien l-Arċipriet Mifsud, meta waqt id-daqq tal-qniepen inqata' l-ilsien tal-*Fustanija* u baqa' nieżel għal fuq iz-zuntier. Dak il-ħin kienu ħerġin in-nies mil-quddiesa kantata, imma Santa Katarina riedet li ħadd ma jiġrilu xejn (124).

**Referenzi.**


(46) L-aġenzija Mattei thallset 50 skud nhar is-6.ii.1770, APZ, *Veneranda Lampada 1745-1791*, 50r, 162r.
(47) NLM/AOM, Ms.653, p.639.
(48) APZ, *Veneranda Lampada, 1745-1791*, 162r.
(49) *Ibid.*; 162r. It-toqol tal-qanpiena huwa mogħti bħala 20 qantar u 18 ir-ratal f'*Ibid.*, 163r.
(50) *Ibid.*, 162r.
(51) *Ibid.*, 51v, 162r. Il-biċċa tal-baħar hija msejjħa *chechia* (bl-ingliż *ketch*).
(52) *Ibid.*, *51v, 162r.*
(53) *Ibid.*, 162r, 51r.
(54) *Ibid.*, 51r, 162v.
(55) *Ibid.*, 162v. Il-Konsagrazzjoni saret '... *dentro la Chiesa Pale, del Zorrico....*'
(56) AMM, *Canc, Atti Civili*, CXXX (1770-1771), 215v-216r, fejn hemm memorjal miktub mill-Kancillier tal-Kurja, Bonavita.
(57) *Ibid.*, 215v-216r, fejn it-toqol taż-żewġ qniepen huma mogħti bħala 21 qantar u qnatar, APZ, *Veneranda Lampada, 1745-1791*, 162v.
(58) *Ibid.*, 162v.
(59) *Ibid.*, 51r, 162v.
(60) Ara *supra*, n.49.
(61) *Ibid.*, 51v
(62) *Ibid.*, 161v
(63) *Ibid.*, 51v, 59r, 161v.
(64) *Ibid.*, 162v.
(65) *Pontificale Romanum, Clemente VIII ac Urbani iussu editum et a Benedicto XIV recognitum et castigatum* Romae: Propaganda Fidei, 1868, 229-237. Iċ-ċerimonjal deskritt huwa dak li ntuża fl-1770 u fl-1788.
(66) *Codex Iuris Canonici Pii X.... iussu editum digestus Benedicti Papae XV auctoritate promulgatus.* Vaticanae: Typis Polyglottis, 1943, 391, can. 1169. Il-can. 1169 fil-kodiċi tal-1917 huwa bażat fuq leġislazzjoni li tmur lura sa s-seklu sittax. Il-kodiċi l-ġdid tal-knisja, promulgat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1983 ma jitkellimx speċjalment mill-konsagrazzjoni tal-qniepen.
(67) *Ibid.*, can. 1169.4
(68) Ara *supra*, n.65.
(69) APZ, Veneranda Lampada, 1745-1791, 163r.
(70) *Ibid* 76r.
(71) Prokuratur bejn l-1773-76, u l-1787-7, *ibid.*, 55v-62r, 78r-81r.
(72) 9.xii.1787, Not. Mich. Ang. Farrugia, NAV, Ms. 817/21, 116r.
(73) Ibid., 163r-v. APZ, *Veneranda Lampada, 1745-1791*, 163r. Ara wkoll l-iskrizzjoni fuq l-istess qniepen citata *infra.*
(74) *9.xii.1787, Not. Mich. Ang. Farrugia, NAV, Ms.817/21, 116r.*
*AAM, Vis. Labini, 1787,* 115v.
It-tabib Saidon jissemma' waħda bħala *deputato del Populo di questo Terra Zorrico f'APZ, Veneranda Lampada, 1745-1791*, 163r. Fid-diversi mss. il-kunjom Saydon huwa mogħti taħt diversi varjanti Saidon, Saidon, Saydon u Sajdon.
(75) 9.xii.1787, Not. Mich. Ang. Farrugia, NAV, Ms. 817/21, 116v.
(76) *Ibid.*, 116r.
APZ, *Matr. IV (1760-1800), 106v-107r, jsejjaħlu Dun Excell. Doctorem Fisicum Artis Medicinae,* li tfisser li mill-anqas ta' tletin sena, fis-sena li fiha żżewweġ kien diġa tabib. Il-magħmudija u l-mewt tiegħu jinsabu reġistrati t-tnejn fl-A(rkivju) P(arrokkjali) S(an) P(awl) N(awfragu) V(allètta), Bapt.IX (1742-1753) 151v taħt l-isem ta' Vincentius Caietanus u Mort XVII (1829-1838), 350.
(77) APZ, *Index Matrimoniorum, 1567-1891*, 88r-92v, fejn ma hemm ebda żwieġ reġistrat taħt il-konjom Saidon bejn l-1567 u 1726.
(78) APZ, *Matr. III (1689-1759)*, 112v.
(79) APSPNV, *Bapt. VIII (1727-1742), 11v, 117v, 174r, 288r, 385v, u Bapt IX (1742-1753)*, 62v, 151v, u 277v.
(80) Mallia F. *Il-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament....fil-Belt, 1575-1975*, 262, fejn il-Kan. Ġorġ Saidon, bħala benefattur tal-fratellanza tas-Sagrament tal-Belt, huwa erronjament imsejjaħ miż-Żurrieq. Il-Kolleġġjata twaqqfet fl-1733, u l-Prepositura kienet waħda miż-żewġ prebendi tal-fundazzjoni ta' Camilla Gagnano Testaferrata.
(81) APZ, *Status Animarum Terrae Zurrici, 1699-1757*, 2r-18v, 44v-62r ma jinkludix il-familja Saidon fil-listi tal-familji fl-1741 u 1754. Iżda fl-1754, mal-kleru taż-Żurrieq jissemma wkoll il-kjeriku Franġisk Saidon li kien għadu akkolitu.
(82) Fiż-żwe0ijiet ta' uħejn minn ulied Gio. Batta, voldiri Pietro Paolo (1770) u Gaetano (1778), citati *infra* n.86, 87, dak ta' l-ewwel hu msejjaħ bħala minn S. Pawl tal-Belt, waqt li Gaetano fl-1778 jissejjaħ bħala miż-Żurrieq.
(83) AAM, *Vis, Pallerano 1771-74,* 656r. Ara wkoll *supra* n.81. Il-mewt tal-Mons. Prof. Saydon fl-1971 għalqet din il-linja ta' Saċerdoti.
(84) *Ibid.*, 656v.
AAM. *Vis. Labini, 1783-84,* 171r: *Vis. Labini, 1787,* 11ov; *Vis. Labini, 1789-90,* 80v.
(85) Ara *supra*, n.76.
(86) APZ *Matr. IV (1760-1800)*, 56v.
(87) *Ibid.*, 106v-107r.
(88) APZ, *Indice dei Battesimi, 1567-1892,* mhux paġinat. Fl-1772 saret ukoll il-magħmudija ta' lsir tal-familja li ngħata l-isem ta' Giuseppe, Gio. Batta de Saidon.
(89) Mifsud Bonnici R. *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali.* Malta, 1960, 451.
(90) APZ, *Indice dei Battesimi, 1567-1892,* mhux paġinat.
(91) APSPNV, *Mort. XVIII (1838-1858),* 222.
(92) AAM, *Vis. Labini, 1787,* 115v.
(93) Scicluna H.P. *Documents relating to the French Occupation of Malta in 1798-1800.* Malta, 1923, 225.
(94) Il-mewt hija reġistrata f'San Pawl tal-Belt, APSPNV, *Mort. XVII (1829-1838),* 350.
Il-mewt ta' martu Anna Maria, fl-1840, reġistrata wkoll f'APSPNV, *Mort. XVIII (1839-1858),* 66 tgħid biss li din ġrat fid-dar tagħha f'parroċċa oħra, u li fil-fatt kienet iż-Żurrieq.
(95) 9.xii.1787, Not. Mich. Ang. Farrugia, NAV Ms. 817/21, 116r-117r.
(96) Castagna P.P. *Lis-Storia ta' Malta bil-Gżejjer tagħha.* Malta, 1890, III (Appendix), 249.
(97) 9.xii.1787, Not. Mich. Ang. Farrugia, NAV, Ms. 817/21, 116r-117r.
(98) *Ibid.*, 116r-v.
(99) *Ibid.*, 116v.
16.vii.1788, Not. Fillipo Giammalva lo Duca, NAV, Ms. 877/3, 686r-v.
APZ, *Veneranda Lampada 1745-1791,* 163r.
(100) Skrizzjoni fuq il-qniepen citata *infra.* Saru żgur bejn Jannar u Awwissu 1788, għaliex fl-24.viii.1788 ġew konsagrati. L-ismijiet ta' *Fustanija* u *Kbira* jgħoddu wkoll mill-istess żmien.
(101) 16.viii.1788, Not. Filippo Giammalva lo Duca, NAV, Ms. 877/3, 686r-v.

**Referenzi:**


(102) APZ, *Veneranda Lampada, 1745-1791*, 83r.
(103) 16,viii.1788, Not. Filippo Giammalva lo Duca, NAV Ms. 877/3, 686r.
(104) *Ibid.*, 686r.
(105) *Ibid.*, 686r.
(106) *Ibid.*, 686r-v
APZ, *Veneranda Lampada, 1745-1791*, 163r.
(109) APZ, *Veneranda Lampada, 1792-1851*, 12v.
(110) L-intonazzjonijiet tal-qniepen ġew verifikati *in situ* mis-surmast Dun Mikiel D'Amato, A. Mus., L.C.M., L.R.S.M. nhar il-25.xi.1987.
(111) AAM, *Vis. Labini 1783-84*, 175r.
(112) Deskrizzjoni ta' kif kienu jindaqqu *iċ-ċerimonji* ġo Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinsab f'Attard M. *Ħaż-Żebbuġ u l-Festa ta' San Filep: studju storiku u folkloristiku*. Malta, 1985, 75.
(113) 28.x.1840, Not. P.P. Farrugia, NAV Ms. 819/41, 527r.
(114) Ara *supra*, n.110. Dwar l-intonazzjonijiet ta' qniepen ara Coleman, S.N., *Bells, their history... and uses*. N.Y. Rand McNally, 1928, 70-73, u l-iskema riprodotta fi *New Catholic Encyclopedia*, II, 259.
(115) Għall bini tal-faċċata tal-Knisja ara APZ, *Veneranda Lampada, 1745-1791*, 119r-161v.
(116) APZ, *Veneranda Lampada, 1851-1891*, 116r-119v.
(117) *Ibid.*, 119r.
(118) *Ibid.*, 119r.
(119) *Ibid.*, 119r.
(120) *Ibid.*, 119r.
(121) *Ibid.*, 119r.
(122) *Ibid.*, 119r.
(123) *Ibid.*, 119r.
(124) *15 Giugno 1916, pagati a Giuseppe Mamo per ristauro del battallo e fermaglio della seconda campana caduto sul piazzale...'*, APZ, *Veneranda Lampada, 1891-1931*, 124.
Informazzjoni mill-mibki Gużeppi Xuereb. L-inċident naħseb li ġara f'Lapsi (1.vi.1916) jew il-Ħadd ta' fuqu (4.vi.1916).



JOHN MUSCAT



MARBLE & GRANITE WORKS
MDINA ROAD, ŻEBBUĠ
Tel: 496928

STAIRCASES, PAVEMENTS, ETC....